# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 14 ta' 2023, miżmuma nhar is-17 ta' Novembru 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • | | |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Balzan LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |

C.G.V.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3: Komunikazzjoni tal-President;
4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5: Korrispondenza
6: Rapporti;
   i. 3rd quarter management acconts
7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
   ii. Progetti
   iii. Ambejent
   iv. Skart
   v. UOM MOU on Masters and PHDs
   vi. Region Team Building Event
   vii. Region AGM
   viii. Christmas Region events
8: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
9: Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:10 mill-President, is-Sur Clifford Galea

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Anne Marie Muscat Fenech Adami, Stefan Cordina u Angelo Micallef kienu skużati.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 13 miżmuma fis-17 ta' Ottubru 2023 ittieħdu bħala moqrija. Stefan Cordina ippropona li jkunu approvati. Clifford Galea issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Kyle Mifsud staqsa fuq il-korrezzjoni li talab. Il-Kwotazzjonijiet tal-Macbook tressqu fuq il-mejda tal-laqgħa preċedenti u kienu approvati. Stefan Cordina irrimarka li filfatt kien qal lill-President li dawn il-materji jistgħu ikunu deċiżi mill-President direttament. Fil-minuti tniżżel li dawn il-kwotazzjonijiet tressqu u ntgħażlet l-orħos offerta.

## - 3.1 Komunikazzjoni mill-President



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-President Clifford Galea kellu laqgħa mas-Sur Mario Fava fuq l-iskart rigward il-proċess tal-ġbir ta' kartun u ħġieġ. Hemm propost li din l-iskeda għandha tinbidel biex il-ħġieġ jinġabar ġurnata oħra. Il-membri ma qablux għal-bdil, minħabba li issa l-granet bdew jintlaqgħu tajjeb mir-residenti u ntefqu flejjes kbar biex jirreklamaw din l-iskeda, u issa ser idur kollox. John Buttigieg ħareġ suġġeriment biex issir amenda fil-kuntratt tal-iskart fejn il-kuntrattur ikollu trakk ferm iżgħar u jkollu dividers biex ikun jista jiġbor kemm il-ħġieġ u kemm il-kartun u l-problema tiġi solvuta mill-ewwel.

Konferenza stampa għat-22 tax-xahar fin-Naxxar. Il-President qal li ser issir konferenza stampa bil-parteċipazzjoni tas-Segretarju Parlamentari preżenti u ser tittella' fin-Naxxar. Anne Marie Muscat Fenech Adami qalet li hi ser tkun imsiefra u allura m'għandhiex issir f'dik il-ġurnata jekk ser issir fin-Naxxar. Alred Grima staqsa jekk il-Ministeru hux jikkontribwixxi għal dan il-fond (tal-Milied) u l-President wieġeb li le. Is-Sur Grima qal li ma jarax għalfejn għandha tkun mistiedna s-Segretarju Parlamentari ġa la darba mhux tikkontribwixxi fondi għal dan il-għan. Il-membri qablu li jekk is-Sindku tan-Naxxar ma tistax tkun preżenti, allura din il-konferenza stampa għandha ssir post ieħor.

Il-President informa l-kamra li r-Reġjun ser jixtri djarji għas-sena 2024 u kulħadd approva għax dejjem isibuh utli. Semma l-affarijiet tal-Milied huma wkoll mixjin biex jiġu mixtrija, inklużi l-hampers u xi materjal biex jiżżejjen l-uffiċċju. Is-Sur Alfred Grima semma li m'għandhomx għalfejn għax dejjem neħlu l-flus; il-President wieġbu biex l-oġġetti jiġu mqassma mal-istaff tal-Kunsill bħala rispett tax-xogħol li jsir matul is-sena.

AGM tar-Reġjun ġiet diskussa, però l-membri kollha qablu biex issir fit-3 ta' Frar 2024. Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv tkellmu kif fejn il-presepju se jagħlaq 800 sena minn meta San Franġisk bdieh. Peress li fir-Reġjun hemm il-patrijiet Franġiskani fil-lokalita tal-Qawra, is-Segretarju Eżekuttiv indaga jekk dawn hux ser ikunu qed jagħmlu xi presepju partikolari biex jikkommemoraw din l-okkażjoni. Dawn infurmawh li qed jaħdmu biex jarmaw presepju ħaj u ser ikollhom spejjeż ta' madwar €8,100 ħabba palk, mużika, injam eċċ. Huwa talab jekk ir-Reġjun jistax jgħin f'din l-ispiża. John Buttigieg issuġġerixxa li r-Reġjun jixtri apparat li jkun jista jintuża u jibqa propjeta tar-Reġjun. Il-membri qablu ma' din il-proposta u vvutaw somma ta' elf Ewro għal dan il-għan. Is Segretarju ser imexxi l-proposta lill-organizzazzjoni.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Alfred Grima u Kyle Mifsud staqsew rigward il-proċess tat-tenders. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li t-tfassil tat-tenders qiegħed fil-proċess avvanzat u ser ikun qed jibgħat dawn għand id-dipartiment tal-kuntratti mill-aktar fis possibli għall-pubblikazzjoni.

Alfred Grima tkellem dawr il-problema li qed ikun hemm f'żoni ta' kostruzzjoni fejn il-kuntratturi qed idejqu lir-residenti billi jibdew kmieni u jibqgħu għaddejjin wara l-ħin stabbilit bil-liġi. Huwa talab li r-Reġjun jagħmel kuntatt mal-awtoritajiet u jiġbed l-attenzjoni fuq hekk. Bjorn Bonello – bħala manager responsabbli għall-ambjent, qal li ser ifassal ittra u jibgħatha lil BICC.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Alfred Grima qal li ma jarahiex sew li jsiru events ta' ċertu mportanza bħal meetings ma' diretturi, eċċ li jsiru barra mill-uffiċċju. Huwa qal li dawn għandhom isiru fuq ġewwa u ma jkunux fil-pubbliku; l-ewwel ħaġa ma jagħtux fil-għajn u ma jidhrux li allavolja qiegħed xogħol, ikunu qishom 'holiday'. Il-President infurmah li m'hemm xejn ħażin fiha u kull dipartiment u kumpaniji jagħmlu dan.

CIF – mistoqsi riqward jekk talbiet biex isir l-awditjar tal-proġett tas-CIF, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kienu ntbgħatu l-ittri u tfakkiriet, iżda sa dakinhar, ma kienet daħlet l-ebda offerta. Ser ikun qed jara li jerġgħu jintbgħatu tfakkiriet għal dan il-għan. Mistoqsi fejn qiegħed il-materjal u l-għodda, huwa qal li dawn qiegħdin fil-garaxx tar-Reġjun u anke fil-HQ tal-iscouts tal-Mellieħa, li kienu qed jieħdu ħsieb l-aspett prattiku tal-bini tal-kajaks. Il-membri talbu li l-iscouts jingħataw deadline biex ilestu u wara, il-materjal u l-għodda jerġgħu lura għand-ir-Reġjun. Ser issir ukoll żjara għand l-iscouts biex jaraw dan il-proġett.

## 5.1 Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Universita kienu bgħatu korrispondenza biex jitolbu għajnuna biex ikunu identifikati persuni li jirrappreżentaw ir-residenti barranin fil-lokalita, dan biex ikunu intervistati għall-istudju li qed isir tal-SIA. Il-membri qablu li fejn jistgħu jgħinu, dawn ser jipprovaw.

Tqajjem il-punt dwar il-vetturi kummerċjali li qed ikunu mħallija fit toroq. Kien suġġerit li titbagħat ittra lill-kummissarju fuq dan biex titlob għal iktar infurzar. Bjorn Bonello ser ifassal ittra għall-membri biex tkun diskussa għal dan il-għan.

## 6.1 Rapporti

Management accounts report kien preżentat lill-membri. Dan kien diskuss u approvat mill-membri.

### 7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;

IIC EU Project – Dan il-proġett qed jinħadem mad-Dipartiment u KPMG fejn ser ikun qed jipprovdi numru ta' esperti biex jgħinu lir-Reġjun f'diversi oqsma. Bjorn Bonello ser jitla l-Brussell għall-ewwel laqgħa tiegħu fl-aħħar tax-xahar.

Bjorn Bonello ressaq ukoll talk ħabba n-naħla Maltija li qed issir petizzjoni biex tkun iddikjarata bħala l-insett nazzjonali. In-naħla Maltija hija unika u teżisti Malta biss, b'hekk ir-Reġjun ser jassisti biex jissalvagwardja din l-ispeċi.

### 7.2 Waste Collection –

Id-Dipartiment informa lir-Reġjun li ser ikun qed jgħaddi l-aħħar tranche direttament lir-Reġjun u ser ikun qed jiprovdi fond t' assistenza fuq bażi ta' self biex jitħallsu l-pagamenti relatati mal-iskart minħabba li l-ftehim mal-BRO's għadu ma seħx.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Skeda 168 kienet ippreżentata. Stefan Cordina ippropona li tkun approvata. Trevor Fenech issekonda l-mozzjoni. Is-sinjuri Alfred Grima u Kyle Mifsud astjenew mill-votazzjoni. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn, 5 ta' Diċembru 2023, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. Wara ser isir it-team building tar-Reġjun.

Clifford Galea Vella
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tnejn 18 ta' Diċembru, 2023